

P6_TA(2008)0178

Is-sitwazzjoni fil-Burma

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-24 ta' April 2008 dwar is-sitwazzjoni fil-Burma

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar is-sitwazzjoni fil-Burma¹ u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2007 dwar il-Burma²,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2007 li adottaw miżuri restrittivi msaħħa u addizzjonali kontra l-Burma³,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008 tal-25 ta' Frar 2008 li jgħedded u jsahha il-miżuri restrittivi rigward il-Burma/Myanmar u r-revoka tar-Regolament (KE) Nru 817/2006⁴,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kunsill ta' l-Istat tal-Burma għall-Paċi u l-Iżvilupp (SPDC), imexxi mill-Ġeneral Than Shwe, ħabbar li kien se jsir referendum dwar kostituzzjoni ġdida fl-10 ta' Mejju 2008, li warajh se jsiru elezzjonijiet b'iktar minn partit wieħed fl-2010,
- B. billi l-SPDC qed ikompli jissottometti lin-nies tal-Burma għal abbużi ta' min jistmerrhom tad-drittijiet tal-bniedem, bħal ma huma x-xogħol furzat, il-persekuzzjoni tad-dissidenti, il-lieva tat-tfal u r-rilokazzjoni furzata,
- C. billi l-gvern tal-Burma ma aċċettax proposti li tressqu mill-Mibgħut Speċjali tan-NU, Ibrahim Gambari, biex jiġi żgurati li r-referendum isir b'mod ħieles u ġust, fil-preżenza ta' osservaturi internazzjonali,
- D. billi l-Gvern tal-Burma inkluda dispożizzjonijiet fl-abbozz tal-kostituzzjoni li jirriżervaw kwart tas-siġġijiet fiż-żewġ ikmamar tal-parlament għal uffiċjali militari, jagħtu d-dritt lill-mexxej militari tal-pajjiż li jissospendi l-kostituzzjoni fi kwalunkwe mument u jwaqqfu kandidati milli joħorġu għall-elezzjoni presidenzjali jekk ikollhom konjuġi jew wild barrani (li japplika għall-kap ta' l-oppożizzjoni tal-Lega Nazzjonali għal-Demokrazija (NLD) u rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi u l-Premju Sakharov, Aung San Suu Kyi li jinsab miżmum b'arrest); billi l-abbozz joffri wkoll l-impunità għal aġenti statali għal atti mwettqa waqt li jkun fil-kariga,
- E. billi, minn meta tħabbar ir-referendum, il-gvern ħareġ il-Liġi Nru 1/2008, li ċċaħħad lill-membri ta' l-ordnijiet reliġjużi mid-dritt tal-vot,

¹ ĠU C 317 E, 23.12.2006, p. 902.

² *Testi adottati*, P6_TA(2007)0290.

³ Ara l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/750/PESK tad-19 ta' Novembru 2007 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/318/PESK li għedded il-miżuri restrittivi fir-rigward tal-Birmanja/Myanmar (ĠU L 308, 24.11.2007, p. 1)

⁴ ĠU L 66, 10.3.2008, p.1.

- F. billi l-oppożizzjoni demokratika ma kinitx imdaħħla fil-proċess kostituzzjonali,
 - G. billi l-parti l-kbira ta' l-oppożizzjoni tal-Burma ddeċidiet li tivvota kontra r-referendum,
 - H. billi għad hemm madwar 1,800 prigionier politiku fil-Burma, inkluż Aung San Suu Kyi,
 - I. billi l-gvern tal-Burma naqas milli jindirizza b'mod sinifikattiv ir-reklutaġġ kontinwu u l-użu tat-tfal fil-kunflitti armati,
 - J. billi s-sanzjonijiet adottati mill-UE kontra l-gvern tal-Burma s'issa ma kinux effettivi,
 - K. billi l-gvern tal-Burma għadu jgawdi minn relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi mill-qrib ma' pajjiżi ġirien u ma' l-ASEAN,
 - L. billi 30% tal-popolazzjoni tal-Burma, li hi stmata li tlaħħaq 15-il miljun ruħ, qegħdin jgħixu taħt il-linja tal-faqar,
1. Jiddeplora l-fatt li l-proċess tar-referendum kostituzzjonali huwa nieqes minn kull leġittimità demokratika, minħabba li ċ-ċittadini tal-Burma ma jgawdux drittijiet demokratiċi bażiċi li jippermettulhom li jkollhom dibattitu miftuħ dwar it-test kostituzzjonali, li jemendawh u li mbagħad jesprimu ruħhom b'mod ħieles permezz ta' referendum;
 2. Jikkundanna r-rifjut mill-gvern tal-Burma tal-proposti li saru mill-Mibgħut Speċjali tan-NU, Gambari, biex il-gvern jippermetti kampanja miftuħa u inklużiva fit-thejjja għar-referendum kostituzzjonali; jistieden lill-gvern tal-Burma biex jaġixxi b'rieda tajba u jaħdem b'mod kostruttiv mal-Mibgħut Speċjali tan-NU;
 3. Jagħti l-appoġġ tiegħu għat-tranżizzjoni demokratika permezz ta' proċess inklużiv ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali u djalogu tripartitiku bejn ir-reġim, il-NLD u r-rappreżentanti etniċi;
 4. Jitlob garanziji mill-gvern tal-Burma biex jaħtar kummissjoni elettorali indipendenti, jagħmel lista kif suppost għar-reġistrazzjoni tal-votanti, ineħħi restrizzjonijiet li ilhom jeżistu fir-rigward tal-midja, jippermetti l-libertà ta' l-assoċjazzjoni, ta' l-espressjoni u ta' l-assemblea fil-Burma, jirrevoka regolamenti ġodda li jagħmluha reat kriminali li jiġi diskuss ir-referendum u jippermetti l-preżenza ta' osservaturi internazzjonali;
 5. Jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet ta' l-avversarji politiċi tar-reġim u ta' aktar minn 1,800 prigionier politiku, inkluż Aung San Suu Kyi, il-mexxejja ta' l-Istudenti tal-Ġenerazzjoni '88, u l-mexxejja tal-Lega għad-Demokrazija tan-Nazzjonalitajiet Shan arrestati fl-2005;
 6. Jitlob li jingħata rendikont tal-persuni feruti jew maqtula u tal-persuni neqsin kollha wara r-ripressjoni ta' Settembru li għadda waqt il-protesti tal-patrijiet buddisti u ta' l-attivisti demokratiċi, u biex ikun stabbilit fejn jinsabu l-patrijiet u s-sorijiet li huma neqsin;
 7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jieħdu kull opportunità fl-arena internazzjonali u jitkellmu dwar l-abbuż kontinwu u persistenti tat-tfal fil-Burma, b'mod speċjali permezz ta' l-użu ta' suldati tfal; jikkundanna bl-aktar mod qawwi r-

reklutaġġ ta' suldati tfal fil-Burma, u jistieden lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jinvestiga bir-reqqa s-sitwazzjoni fil-Burma f'dan ir-rigward;

8. Jinnota li ċ-Ċina dan l-aħħar irratifikat il-Protokoll Fakultattiv tan-NU għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal rigward l-involviment tat-tfal fil-kunflitti armati, jiġbed l-attenzjoni għall-abbużi ta' min jikkundannahom li saru f'dan ir-rigward mill-ġunta militari tal-Burma u jhegġegħ liċ-Ċina biex tieħu azzjoni dwar dan;
9. Jagħti l-appoġġ tiegħu għall-medjazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u l-isforzi tas-Sur Gambari fin-negozjati ma' l-awtoritajiet tal-Burma; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex jaħdmu mill-qrib mal-Mibgħut Speċjali tan-NU biex jiżguraw il-konsistenza ta' l-involviment tal-komunità internazzjonali fil-Burma;
10. Jagħti l-appoġġ tiegħu għall-isforzi tal-mibgħut speċjali ta' l-UE għall-Burma, Piero Fassino, fil-promozzjoni tad-djalogu mal-pajjiżi ta' l-ASEAN; ihegġegħ lill-ASEAN sabiex tagħmel pressjoni sostanzjali fuq l-awtoritajiet tal-Burma li twassal għal bidla demokratika;
11. Ihegġegħ lill-Kunsill biex iwessa' l-firxa tal-miri permezz ta' l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, sabiex jiffukaw fuq restrizzjonijiet għall-aċċess tas-servizzi internazzjonali tal-banek minn kumpaniji b'sidien militari, konglomerati u negozji li għandhom rabtiet mill-qrib mal-militar jew li l-qligħ tagħhom imur għall-militar, u restrizzjonijiet għall-aċċess ta' opportunitajiet tan-negozju personali, tal-kura tas-saħħa, tax-xiri u ta' l-edukazzjoni barra l-pajjiż għal ġenerali magħżula, għat-tfal u għall-familji immedjati tagħhom; ihegġegħ lill-Kunsill biex jipprojbixxi b'mod komprensiv u espliċitu lil individwi u entitajiet magħżula milli jagħmlu tranżazzjonijiet finanzjarji li jgħaddu permezz ta' banek ta' kumpens jew inkella billi jużaw servizzi finanzjarji fil-ġurisdizzjoni ta' l-UE;
12. Jitlob lill-Kunsill biex jiżgura l-applikazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet immirati, biex jinvestiga b'mod adegwat dawk li potenzjalment huma fil-mira tas-sanzjonijiet, biex jippermetti r-reviżjoni tad-deċizzjonijiet u l-monitoraġġ kontinwu, u biex jiżgura li l-miżuri adottati jiġu implimentati;
13. Jitlob lill-Kunsill biex ikompli jirrevedi s-sanzjonijiet kontra "benchmarks" speċifiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem li għandhom jinkludu dawn li ġejjin: il-ħelsien tal-priġunieri politiċi u l-persuni l-oħra kollha miżmuma b'mod arbitrarju talli eżerċitaw id-drittijiet tal-bniedem bażiċi tagħhom ta' liberta' ta' l-espressjoni, l-assoċjazzjoni u l-assemblea libera; il-proviżjoni ta' verifika uffiċjali preċiża tan-numri, ta' fejn jinsabu u tal-kundizzjonijiet ta' l-individwi maqtula, arrestati u/jew miżmuma mill-forzi tas-sigurtà, inklużi dawk tar-ripressjoni reċenti; il-waqfien ta' l-attakki militari fuq nies ċivili; u t-tranżizzjoni għad-demokrazija; jistieden lill-Kunsill biex jikkunsidra aktar sanzjonijiet immirati, bħall-projbizzjoni totali ta' l-investment ġdid, il-projbizzjoni tal-provvediment tas-servizzi ta' l-assigurazzjoni għall-investment fil-Burma, kif ukoll embargo fuq il-kummerċ ta' prodotti ewlenin li jħallu qligħ tajjeb għall-gvern militari;
14. Jistieden fl-istess ħin lill-UE u lill-bqija tal-komunità internazzjonali biex joffru inċentivi għar-riforma sabiex ikun hemm bilanċ għat-theddida u/jew l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet u biex it-tmexxija militari jkollha motivazzjoni pożittiva għall-bidla;

15. Jinnota li l-embargo ta' l-armi ta' l-UE fuq il-Burma m'huwiex effettiv minħabba li l-gvern militari jixtri t-tagħmir militari tiegħu miċ-Ċina, mir-Russja u mill-Indja; iħeġġeġ għalhekk lill-UE biex tagħmel kampanja attiva għal embargo fuq l-esportazzjoni ta' l-armi mad-dinja kollha għall-Burma;
16. Jitlob lill-komunità internazzjonali, lill-gvernijiet tal-Punent u lill-gruppi tal-kampanji biex iżidu l-ħidma umanitarja, b'mod partikulari billi jżidu l-programmi eżistenti fis-settur tas-saħħa, u biex jibdew programmi ġodda u usa' biex jappoġġjaw l-edukazzjoni bażika li jilhqgħu persuni spustati internament (IDPs) u oħrajn maqbudin fiż-żoni ta' kunflitt, l-iżjed mal-fruntiera tat-Tajlandja; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid l-allokazzjoni għall-għajnuna umanitarja ta' l-Istrument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp (id-DCI) għall-Burma (li bħalissa hi ta' EUR 32 miljun għall-2007-2010) u tinvesti iżjed fl-għajnuna umanitarja transkonfinali għall-IDPs;
17. Jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq u tespandi programmi ta' assistenza mmirati lejn it-tisħiħ ta' gruppi mhux emanċipati, inklużi n-nisa u l-minoranzi etniċi u reliġjużi u biex jittaffew id-diviżjonijiet politiċi, etniċi, reliġjużi u oħrajn;
18. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid l-appoġġ tagħha għan-nies tal-Burma li joqogħdu barra l-pajjiż permezz tal-programm tad-DCI għal nies li kellhom jitilqu minn fejn trabbew, u biex tfittex modi oħra kif tagħti l-appoġġ;
19. Jenfasizza li l-proviżjoni ta' għajnuna mogħtija għandha tkun marbuta ma' "benchmarks" u tul ta' żmien, bil-għan li jiġu miġġielda r-riskji tal-korruzzjoni b'mod iżjed effettiv;
20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-pajjiżi ta' l-ASEAN, lil-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija tal-Burma, lill-Kunsill ta' l-Istat għall-Paċi u l-Iżvilupp tal-Burma, lill-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-Gvern u l-Parlament ta' l-Indja, lill-Gvern tar-Russja u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.